Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Marzu 2018**
**(OR. en)**

**7307/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0006 (NLE)**

**UD 61**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 5516/16 + ADD 1 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali<br>- Adozzjoni |

1. Fil-21 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali. Il-Proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali laħaq qbil dwar it-test tal-proposta.

3. Fl-10 ta' Ottubru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu[1] dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' hawn fuq.

4. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-3 ta' Lulju 2017.

[1] Kif stabbilit fid-dok. ST 7661/16 UD 75

5. Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta t-talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew biex jikkonkludi l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali.[2]

6. Fit-13 ta' Marzu 2018, il-Parlament Ewropew ivvota favur id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali.[3]

7. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali, kif tinsab fid-dokumenti 7712/16 UD 79 u 7682/16[4] UD 77 (testi ffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti).

---

[2] Kif stabbilit fid-dok. ST 7712/16 UD 79
[3] Kif stabbilit fid-dokument tal-PE P8_TA-PROV (2018)0062
[4] + REV 1 fil-lingwi kollha barra EN, EL, FI, GA, IT; + REV 2 f'LT